MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2003

Numru 299/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**Steve Spiteri**
**Emanuele Magro**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Steve Spiteri** ta' 22 sena, bin missier mhux maghruf u Maria *nee'* Spiteri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 435381(M); u

**Emanuele Magro** ta’ 51 sena, bin il-mejjet Giuseppe u Paola *nee’* Zerafa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 910651(M) kif reportata minn fol 1 sa 4 bil-mod segwenti:

Talli b’diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin bi rizoluzzjoni wahda u cioe’:

Talli fis-17 ta’ Marzu, 2003, ghall-habta tal-4.00 ta’ wara nofsinhar fi Triq Sliema, Kappara, ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Peugeot 406, bin-numru tar-registrazzjoni JBE-263, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Anthony Meli minn H’Attard;

F’dawn l-ahhar jiem fil-Mosta kkommettew serq ta’ sett pjanci tar-registrazzjoni bin-numru AAC-991 minn fuq vettura tal-ghamla Kia Ceres ghad-detriment ta’ Rocco Debono minn San Gwann.

Fil-31 ta’ Marzu, 2003, fil-Fgura u f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, u b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, ikkagunaw hruq jew ghamla ta’ hsara, jew hassru jew gharrqu vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE-263, liema hsara teccedi l-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-detriment ta’ Anthony Meli minn H’Attard;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, u b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, ikkagunaw hruq jew ghamla ta’ hsara, jew hassru jew gharrqu vettura tal-ghamla bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghrufa, ghad-detriment ta’ persuni mhux mahgrufa;

F’dawn l-ahhar jiem f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li

jkun indahhlu biex jbieghuhom jew imexxuhom, bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet haga misruqa jew haga mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqqsu li jgharrfu lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienu hekk saru jafu, bi ksur ta’ l-artikolu 334A tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil **Emanuele Magro** wahdu talli sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil **Steve Spiteri** wahdu talli f’dawn l-ahhar xhur f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer saq vettura tal-ghamla Mercedes Benz 200 bin-numru tar-registrazzjoni BBA 015 minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita dwar it-Transport Pubblik, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura;

B’hekk ma kienetx kopert b’polza tas-sigurta ghal terzi persuni;

Talli fis-17 ta’ Marzu, 2003, kkommettejtu serq ta’ apparat cellulari tal-marka “Philips” kif ukoll Lm3 fi flus kontanti mill-istess vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE 263 ghad-dannu ta’ Anthony Zahra minn San Giljan.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqtu l-imsemmija vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE 263 b’manjiera traskurata u perikoluza;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-jiem ta’ wara f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer soqtu l-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b’licenzja tas-sewqan;

B’hekk ma kienetx koperta b’polza tas-sigurta ghal terzi persuni;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi jew fil-granet ta' wara f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz billi wahlu sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BAR 478 fuq vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE 263 bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhlu n-numru tar-registrazzjoni BAR 478 fuq vettura tal-ghamla Peugoet 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE 263 bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz billi wahlu sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru AAC 991 fuq vettura tal-ghamla Tavria bin-numru tar-registrazzjoni BAR 478 bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhlu n-numru tar-registrazzjoni AAC 991 fuq vettura tal-ghamla Tavria bin-numru tar-registrazzjoni BAR 478 bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil **Steve Spiteri** wahdu talli ghamel uzu tal-istess vettura Mercedes Benz 200 bin-numru tar-registrazzjoni BBE 015 ghal skopijiet ohra barra minn dawk li hi licenzjata ghalihom;

Rat in-nota tal-avukat generali tad-19 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha iddecidea illi jibghat lill-imputati biex ikunu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputati ddikjaraw illi ma kellhom ebda oggezzjoni sabiex il-kaz taghhom ikun deciz minn din il-Qorti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi fis-17 ta' Marzu, 2003, xufier ta' Magistrat innota li persuna kienet qed tavvicinah u haseb illi ried jistaqsih xi haga. Ix-xufier, li dak il-hin kien qed jistenna fil-vettura ufficcjali, hareg u appena ghamel hekk din il-persuna imbuttatu, dahlet fil-vettura u saqet b'velocita' minn fuq il-post. Sussegwentement, il-Pulizija irceviet informazzjoni illi l-imputat Steve Spiteri kien qed jaghmel uzu minn vettura Peugeot 406 ta' lewn blu, bhal din misruqa u din kellha pjanci foloz fuqha. L-imputat kien ukoll fil-kumpanija ta' l-imputat l-iehor Emanuel Magro.

Illi minn investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, irrizulta illi n-numri foloz kienu jappartjenu lill-vettura ohra Tavria precedentemt mibjugha minn sidha. Aktar tard instabu sia il-Peugeot 406 kif ukoll it-Tavria pparkjati quddiem xulxin. Il-vettura Tavria ukoll kellha numri ta' registrazzjoni li kienu jappartjenu lil Kia Ceres li kellha l-pjanci tan-numri misruqa xi tlett gimghat qabel;

Minn aktar investigazzjoni kien irrizulta illi meta Steve Spiteri meta kien fil-kumpanija tal-imputat l-iehor, kien habat bil-Peugeot 406 u kien offra li jsewwi l-hsarat bonarjament izda kien ta dettalji foloz dwaru lis-sewwieq tal-vettura l-ohra. Il-Peugeot ittiehdet f'garage ghal xi tiswijiet izda dawn ma kienux saru. L-istess Peugeot kienet instabet bi hsarat estensivi aktar tard;

Sid il-vettura Peugeot 406 xehed illi l-hsarat fuq l-istess kienu jeccedu l-elf lira maltin u esebixxa dokumenti li juru li l-hsara kienet in eccess ta' Lm2000.

Illi mill-provi kollha li ngiebu ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti jirrizulta l-imputat Steve Spiteri kien il-persuna li

serqet il-vettura Peugeot 406 u li din il-vettura baqghet fil-pussess tieghu sabiex ikkommetta r-rejati sussegwenti minn hemm ‘l quddiem. Minn ezamijiet forensici rrizulta illi impronta ta’ pala ta’ id l-imputat Spiteri kienet tikkorispondi ma’ impronta misjuba fl-istess vettura. Spiteri xehed illi huwa ma kienx wahdu meta seraq il-vettura Peugeot 406 u li kien ma’ l-imputat Magro li dan parti cahad kull involviment tieghu hlief ghal-fatt illi minn xi xahrejn qabel l-arrest tieghu hu kien ikun ta’ spiss fil-kumpanija tal-istess Spiteri. Steve Spiteri xehed illi s-serqa tal-vettura kienet sehhet bis-sahha ta’ tlett min nies u cioe’ hu, l-imputat Magro u certu Marwan li ma kienx jaf x’jismu u li ma kienx Malti. L-imputat Emanuele Magro cahad dan kollu mhux biss fid-deposizzjoni tieghu izda ukoll fl-istqarrija meta kien interrogat mill-Pulizija. Minkejja li kien ikun ta spiss fil-kumpanija tal-imputat Spiteri, huwa nnega kull involviment tieghu fis-serq tal-vettura Peugeot 406.

Ix-xhieda tal-allegat komplici jehtieg li tkun korroborata b’xhieda estraneja sabiex tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti. Fil-kaz in dizamina, qed jirrizultaw diversi diskrepanzi fix-xhieda ta’ Steve Spiteri fosthom il-fatt li hu ngharaf mix-xufier tal-Magistrat bhala l-persuna li wettqet is-serqa meta l-istess Spiteri jghid li l-vettura saqha Magro minn fuq il-post. Spiteri jghid ukoll li kienu tlieta li pjanaw is-serqa izda li wiehed minnhom imur fuq il-vettura wahdu minghajr assistenza ta’ almenu wiehed mit-tnejn l-ohra hija inverosimili. Din il-Qorti tqis illi x-xhieda ta’ Emanuele Magro hija korroborata minn cirkostanzi sufficjenti u li l-evidenza kollha tipponta lejn l-imputat Steve Spiteri li xehed b’mod li ried jinvolvi lill-Magro li da parti tieghu ma pponta subajh lejn hadd hlief ghal-fatt li kien Steve Spiteri li prezenta ruhu bil-Peugeot 406 bhala li kienet il-vettura tieghu u mkien ma allega li kien seraqha Spiteri. Steve Spiteri ikkonvinca lill-Magro li l-vettura misruqa kienet tieghu wara li kien ikkonvinca lilu nnifsu li issa li kien seraqha kienet saret tieghu. Dan kien ta l-irtokki personali tieghu billi wahlilha mottivi fuq il-windscreen u beda juza l-vettura ufficcjali Peugeot 406 daqs li kieku kienu tieghu.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat Emanuel Magro peress illi l-akkuzi ma jirrizultawx pruvati fil-konfront tieghu;

Fil-konfront ta' Steve Spiteri, il-Qorti qed issibu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu hlief ghall-akkuza ta' serq ta' apparat cellulari u tlett liri fi flus kontanti mill-vettura Peugeot 406 stante li ma ngiebet ebda prova dwar din l-akkuza. Tilliberah ukoll mill-akkuza li saq il-vettura Peugeot 406 minghajr ma kienet licenzjata u konsegwentement minghajr ma kienet koperta b'assigurazzjoni stante li ma tirrizultax.

Wara li rat l-artikoli 18, 261 (c) (g), 267, 271, 279 sa 281, 284 u 285, 328 (d), 334, 334A, 188 u 189, tal-Kap 9, 15(1) (a) u (2), 54 u 55 Kap 65, 30 AL 128/94 u 3 tal-Kap 104;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat Steve Spiteri u rat illi kien gia inghata l-beneficcju bhala first offender fit-18 ta' Lulju 2001 bl-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap 152 ghal-zmien sena u dan ghall-akkuzi kontravvenzjonali, tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' tletin (30) xahar mil-lum. Inoltre tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------